



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8655/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0071 (NLE)

PECHE 189

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024)
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) ...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,
u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll
dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd
bejn il-Komunità Ewropea
u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2027/2006¹ biex ikkonkluda l-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde² ('il-Ftehim'). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fit-30 ta' Marzu 2007, ġie mġedded b'mod taċitu u għadu fis-seħħ.
- (2) Il-Protokoll preċedenti għall-Ftehim skada fit-22 ta' Diċembru 2018.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea nneozjat Protokoll ġdid f'isem l-Unjoni. Bħala riżultat ta' dawk in-negozjati l-Protokoll il-ġdid ġie inizjalat fit-12 ta' Ottubru 2018.
- (4) L-għan tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024) ('il-Protokoll') huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika ta' Cape Verde jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli, l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Cape Verde, u l-isforzi ta' Cape Verde biex jiżviluppa ekonomija blu.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 1).

² ĠU L 414, 30.12.2006, p. 3.

- (5) Sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-iffirmar tiegħu.
- (6) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat u jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar fisem l-Unjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde (2019-2024) huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu¹, sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

⁺ Delegazzjonijiet: ara d-dokument ST 8668/19.

¹ Id-data li minnha l-Protokoll se jiġi applikat b'mod provviżorju se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
